MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2010

Numru. 1107/2008

**Il-Pulizija**
**[Spettur Daniel Zammit]**

**vs**

**Richard Anthony Robert Edwards**

**Illum, 06 ta' Dicembru, 2010**

**Kumpilazzjoni Numru: 1107/2008**

**Il-Qorti**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Richard Anthony Robert Edwards ta' 31 sena, iben Anthony u Diane nee' O'Donnell, imwieled Halifax, l-Ingilterra nhar is-07 ta' Frar, 1977 u residenti fil-fond Numru 28, Triq il-Mensija, San

Gwann u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 289191(M).

U akkuzat talli gewwa l-Gzira, nhar l-10 ta' Dicembru, 2007, ghal habta tat-tlieta u kwart ta' filghodu (03:15hrs), flimkien ma persuni ohra, ikkommetta serq mill-pompa tal-petrol Paul & Rocco, sitwata fi Triq l-Imsida, liema delitt kien ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jiskorri l-elf Lira Maltin (LM1000) u bil-hin, u dan ghad dannu ta' Victor Buhagiar u Paul & Rocco, Gzira, Ltd.

U aktar talli sar recidiv b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza saru definittivi u ma jistghux jinbidlu kif ukoll talli wettaq reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza.

Rat in-nota ta'l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub f'l-artikoli:

1. 261(b)(c)(f), 263, 267, 270, 278, 279(b) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. 17, 20, 23, 23C, 28B, 31, 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma f'l-1 ta' Novembru 2010 l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u waqt l-udjenza mizmuma fis-6 ta' Dicembru 2010 kkonferma l-ammissjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, l-ammissjoni ta' l-imputat u l-fedina penali tieghu. Hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fatt li s-sentenza sospieza li hemm referenza ghaliha fit-tieni imputazzjoni elenkata fic-citazzjoni diga ddahhlet fis-sehh skond sentenza mghotija minn din il-Qorti kif diversament preseduta fid-19 ta' Mejju 2010 u konfermata b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali datata 13 ta' Ottubru 2010.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 28A, 28B, 49, 50, 261(b)(c)(f), 263, 267 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah tmintax (18) il-xahar prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------